**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikolu 337C (1)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 640/2013***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**JEANELLE GRIMA**
**(ID: 16592M)**

**Illum, 19 ta' Lulju 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **Jeanelle Grima** ta' 21 sena, bint Nazzareno u Stephanie nee' Scicluna mwielda Pieta' fit-12 ta' Dicembru, 1991 residenti 64, Triq Giovanni Barbara, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' numru 16592(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fix-xahar ta' Mejju, 2012, minn gewwa l-Ufficini tal-Kumpanija ROCS li jinsabu fi Triq Sant'Anna, Floriana, meta kienet ghadha impjegata mal-istess kumpanija bi pregudizzju tal-principal taghha;

1. Minghajr awtorizzazzjoni, ghamlet *output* ta' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-*computer* li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;

2. U aktar talli minghajr awtorizzazzjoni, ikkupjat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;
3. U aktar talli minghajr awtorizzazzjoni hadhet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlet uzu minnhom;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. AM1 a fol. 5, fedina penali mmarkata bhala Dok. AM2 a fol. 6 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Lulju, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. AM3 li jinsab a fol. 7 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Illi nhar it-2 ta’ Ottubru, 2013 xehdet l-**Ispettur Anna Marie Micallef** u spjegat li huma bdew investigazzjoni wara li kien hemm talba bi kwerela mill-kumpanija Rocs, liema kwerela kienet saret minn Dr. Vincent Galea u l-kopja taghha tinsab esebita fl-atti u mmarkata Dok. AM4. F’din it-talba kien hemm allegat illi certu Jeanelle Grima li kienet impjegata mar-Rocs kienet itterminat ix-xoghol taghha u wara li hija unilateralment tterminat ix-xoghol taghha indunaw illi kienet baghtet dokument shih illi huwa l-*book of values* tas-sena elfejn u hdax (2011) mill-*email* taghha fuq ix-xoghol ghall-*email* taghha privata.

In segwitu ta' din il-kwerela kienet talbet lil Colin Aquilina li huwa d-Direttur tar-Rocs sabiex imur l-ufficcju u jispjegalhom ezattament x'kien gara u ma garax. Fil-fatt Colin Aquilina kien spjegalha li hu kien impjega lil Jeanelle Grima fit-2 ta' Settembru, elfejn u hdax (2011) u mal-impjieg taghha kienet iffirmat *employment agreement* u fost il-klawsoli li kien hemm, hemm illi din ma tista' tohrog l-ebda tip ta' informazzjoni li hemm fil-kumpanija u fil-*premises* tal-kumpanija sabiex tghaddihom lil terzi u dan japplika anke meta tigi biex tispicca mix-xoghol. Dan l-*employment agreement* gie mghoddi lilhom u gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. AM5. Il-klawsola li ghamlu referenza ghaliha qeghda f'dan id-dokument u tinsab fil-hamsa sub artiklu A u sub artiklu D, D l-iktar li taghmel referenza ghalihom.

In segwitu tghid li talbet ghall-hrug ta’ mandat ta' tfittxija ghand Jeanelle Grima u kienet talbitha li tmur l-ufficcju. Din Jeanelle kienet marret l-ufficcju minghajr problemi ta' xejn. Tawha d-drittijiet taghha fejn ukoll Jeanelle kienet ghazlet illi tikkonsulta mal-Avukat taghha Dr. Andy Ellul qabel ma bdew isaqsuha d-domandi fejn hi ma nnegatx illi ghamlet dan illi kienet baghtet din l-informazzjoni mill-*email* tax-xoghol ghall-*email* taghha privata. Pero' x-xhud

spjegat li waqt l-investigazzjoni meta staqsewha ghalfejn kienet ghamlitha din hasset li r-raguni li bdiet ittihom ma kinitx daqshekk kredibbli.

Jeanelle ikkonfermatilha li kienet iddejqet tahdem ix-xoghol mar-Rocs. Kienet tathom l-ittra tar-rizenja, kienet infurmathom li riedet tieqaf, baghtu ghaliha, kellmuha u kkonvincewha u ssaportiet u ghamlet gimgha ohra tahdem maghhom. Wara dik il-gimgha pero' regghet infurmathom li kienet ha tieqaf. Fil-perjodu qabel ma kienet ha tieqaf i fil-fatt anke fl-istqarrija taghha kienet qaltilhom li kienet diga' sabet xoghol iehor ma' kumpanija ta' assigurazzjoni ohra u kienet taf li jriduha. Gimgha qabel dan intbaghtet din l-*email* mix-xoghol ghall-*email* taghha privata. Meta staqsewha x'kienet ir-raguni ghalfejn baghtet dan il-*book of values* la kienet sejra tahdem f'kumpanija ta' assigurazzjoni ohra u seta' kellha access ghalih minn hemmhekk hija qaltilhom li z-zija taghha kienet riedet tixtri xi karozza minn barra u riedet ticcekkjalha kemm ha tigiha l-*insurance*. Meta giet mistoqsija jekk setghetx ticcekkja dawn l-affarijiet waqt li kienet ix-xoghol qaltilha li sa certu punt setghet taghmilha imma anke ghax shabha li kienu jgibu l-karozzi minn barra kienu jcemplulha wara l-hin tax-xoghol u kienet facilment tista' ticcekkjalhom kemm ha tigihom l-*insurance*. Huma ma setghux jifhmu ghaliex kienet ghamlet hekk meta kellha il-hsieb li tispicca mix-xoghol. Talbuha jekk ghandiex oggezzjoni li jiehdu l-*computer* taghha u irrizulta li ma kellhiex oggezzjoni u taghtulhom hi volontarjament.

Sar ezami min-naha tas-Cyber Crime Unit fejn fiha kkonfermaw li dan il-*book of values* intbaghat mill-*email account* jeanelle1@rocsmail.com lil jeanelle.grima@gmail.com. Talbu ukoll lir-Rocs sabiex jaghtuhom l-*computer* minn fejn kienet qeghda tahdem Jeanelle waqt li kienet ir-Rocs u l-pulizija ikklowjaw l-*hard disk* halli jaraw id-dokumenti jekk intbaghtux xi dokumenti ohra ghax il-biza' tar-Rocs kienet li ntbaghtet il-*client list* u d-*data list* taghhom

pero' ma rrizultalhomx illi kien hemm xi dokumenti ohra li setghu gew ikkupjati hlief dan il-book of values li efettivament intbaghat minn dan tal-*email* fuq indikata.

Fl-istqarrija taghha Jeanelle kkorraborat maghhom fejn ammettiet illi iva kienet bghatet dan il-book of values u qaltilhom ukoll illi setghet issibha *on line* din l-informazzjoni u setghu jiddawnlowdjawha. Fil-fatt ippruvat tfittixha x-xhud ukoll *on line* pero' ma sabithiex. Ikkuntatjat il-Middlesea u qalulha li le *on line* ma tinstabx. Dan il-*book of values* jintbaghat specifikament lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni. F'dan l-istadju esebiet l-istqarrija li hadhet ta' Jeanelle Grima fit-tlieta (3) ta' Jannar, elfejn u tlettax (2013) fejn hija wara li giet moghtija s-solitu twissija u anke d-dritt tal-Avukat, l-imputata ghazlet li tirrispondi ghal kull domanda li saritilha u ffirmat fuq. Hija gharfet il-firma taghha, l-firma tal-imputata u l-firma ta' PC724 u gharfet ukoll lill-imputata prezenti fl-Awla. L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala Dok. AM6.

Mistoqsija jekk tikkonfermax li l-istqarrija giet rilaxxata mill-imputata b'mod volontarju spjegat li iva. Hija esebiet ukoll il-mandat ta' tfittxija li kellhom biex jekk Jeanelle toggezzjona li ttihom l-*laptop* kienu juzawha u dan gie mmarkat bhala Dok. AM7. F'dan l-istadju esebiet l-kopja tal-*book of values* li gie moghti lilhom mir-Rocs. Spjegat li meta staqsiet lir-Rocs kif saru jafu illi dan il-*book of values* intbaghat mill-kumpanija taghhom ghall-*email* personali ta' Jeanelle s-Sur Aquilina kien qallilha illi Jeanelle kienet halliet il-*computer* taghha tax-xoghol mixghul u hemmhekk raw li kienet fis-*sent items* u hemmhekk indunaw x' kien gara u ma garax. Hija esebiet dan il-*book of values* li gie mmarkat bhala Dok. AM8.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami mistoqsija x'kontenut fih dan il-*book of values* spjegat li l-*book of values* huwa indikazzjoni bil-miktub meta jkun

hemm id-*depreciation* ta' karozza minn sena ghal ohra. Fih hemm inkluz il-mudelli kollha tal-karozzi, kemm hu l-valur taghhom u sabiex jaraw l-*insurance* kemm ha tkun fuq l-ammont tal-prezz li talvolta jigi kkwotat. Ikkonfermat li on line hija ma sabitx dan il-*book of values* u meta cemplet il-Middlesea qalulha li ma jinstabx *on line* . Sostniet li apparti minnhekk l-akkuzi li giet akkuzata bihom Jeanelle jghidulek illi nformazzjoni xorta ma tistax tohrog minn post minghajr il-permess tal-impjegat taghha li fil-fatt meta staqsewha jekk hi haditx permess minghand is-Sur Aquilina jew minghand xi hadd fuqha biex jawtorizzaha tibghat dan il-*book of values* lilha nnifisha d-dar hi qaltilhom li ma kienet talbet permess ta' hadd. Mistoqsija jekk resqitiex lill-imputat bi ksur tal-ftehim tal-kuntratt li kellha mar-Rocs jew ux a bazi tal-Kodici Kriminali wiegbet li resqitha a bazi tal-Kodici Kriminali. Mistoqsija jekk hi ghamlitx *comparison* bejn il-*book of values* li esebiet il-Qorti u *book of values* iehor wiegbet li le ma ghamlitx.

Mistoqsija jekk hi ma tafx id-differenza tal-kontenut bejn dak il-*book of values* u *book of values* ohra spjegat li le hija rat illi l-*email* li ntbaghtet mir-Rocs ghall-Gmail kien fiha l-*attachment* il-*book of values*. Mistoqsija jekk meta tkelmet mal-Middlesea qalulix jekk il-*book of values* huwiex originali jew jekk il-provenjenza tieghu hijiex minn xi *international authority*, qalet li rrizultalha li l-*book of values* jinhareg mill-Middlesea. Mistoqsija jekk dan il-ktieb jigix kompilat hawn Malta spjegat li kellu jitla' r-rapprezentant tal-Middlesea li huwa aktar kompetenti minnhom u jkun f'posizzjoni ahjar li jwiegeb. Spjegat li originarjament qalulha li huma bhala Middlesea Insurance jiddistribwixxu dan il-*book of values* lill-kumpaniji taghhom. Mistoqsija jekk ma qaluliex il-provenjenza tieghu minn fejn igibuh spjegat li ma tiftakarx.

Illi nhar it-2 ta' Ottubru, 2013 xehed **Colin Aquilina** u spjega li llum il-gurnata jahdem mar-Rocs Group u wahda mill-kumpaniji taghha hija r-Rocs Co Limited

li hija proprju ntermedjarja ta' Middlesea Insurance fejn jidhlu poloz tal-assikurazzjoni. Huwa jokkupa l-kariga ta' Head of Finance u Business Devolopment tal-kumpanija in generali. Mitlub jispjega dwar ir-rapport li ghamlu lill-Pulizija f'hiex kien jikkonsisti spjega dak li kien gara. Stqarr li fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2013 s-Sinjorina Jeanelle Grima, li gharaf bhala l-imputata, kienet marret l-ufficcju tieghu biex taghtih ir-rizenja. Huwa bhal ma jaghmel ma' kull impjegat li jtih r-rizenja pogga jitkellem maghha u jispjegalha li ovvjament ikun hemm konsegwenzi meta bniedem jirrezenja u wkoll li ovvjament hi kienet ilha numru ta' xhur jew snin tahdem maghhom u kienet investiet il-hin taghha fil-kumpanija u speci prova juriha t-triq 'l quddiem fejn wiehed jista' ikompli mal-kumpanija. Min-naha taghha jahseb wara xi ghoxrin (20) minuta qaltlu li ha tahsiba. Fil-frattemp waqt li kien qieghed waqt il-*meeting* huwa baghat *email* biex jinghalaq l-access ghall-*computer* taghha waqt l-istess *meeting*. Eventwalment x'hin hi qaltlu ha tahsibha quddiemha stess talab lis-segretarju tieghu biex jergghu jaghtuha access ghas-sistema u jekk m'huwiex sejjer zball qalilha isma' ha jkun hemm mument fejn mhux se tkun tista' tidhol gos-sistema ghaliex huwa talab li jinghalaq l-access taghha ghal gos-sistema. Eventwalment l-ghada fl-ewwel (1) ta' Gunju kien qieghed *meetings* barra u cemplulu u qalulu li s-Sinjorina Grima pprezentat ruhha fl-ufficcju minghajr uniformi wara l-hin li suppost kienet hemmhekk u taghtu ittra ta' rizenja ohra, u pprezenta tali ittra li giet immarkata bhala Dok. CA1.

Eventwalment wara li rrizenjat ghamlu l-proceduri kollha u eventwalment ikkuntatjah l-Manager li jiehu hsieb is-sezzjoni tal-*insurance* u nfurmah li *waqt* li kienu qeghdin jassessjaw l-*emails* li kienu ntbaghatu minn gol-*computer* ta' l-imputata kienet ntbaghtet *email* minn gol-*computer* taghha bl-*email* tal-ufficcju lill-*computer* personali taghha d-dar. Talab x'kienet l-informazzjoni li ntbaghtet u irrizulta li kienet il-*book of values* kif iddikjaraw fil-kwerela taghhom u f'dak il-

mument ikkuntatja lill-Avukat u dan wara li l-Board tal-kumpanija hass li kellhom jaraw kif jissalvagwardjaw il-pozizzjoni taghhom u tal-klijenti taghhom ghaliex ovvjament bhala persuna li kienet responsabbli li tohrog poloz tal-assigurazzjoni s-Sinjorina Grima kellha access ghall-informazzjoni dwar il-klijenti. Il-Board talbu biex javvicina l-Avukat biex jaraw kif jistghu jissalvagwardjaw il-pozizzjoni taghhom. Eventwalment raw ftit l-affarijiet kif kienu u kien hemm lok li wiehed jaghmel kwerela mal-Pulizija biex jiccekkjaw x'informazzjoni izjed intbaghtet minn gol-*computers* tal-kumpanija jew inkellha xi nformazzjoni ohra setghet intbaghtet lill-*email* personali taghha. Mistoqsi x'kienet ir-raguni li kienet tathom Jeanelle Grima fir-rigward ta' ghalfejn spiccat minn maghhom, spjega li fl-ittra taghha ma tatx raguni partikolari anzi pjuttost irringrazzjathom ghall-*guidance* li kienu tawha. Mistoqsi jekk talbitx permess sabiex jinhareg dan il-*book of values* spjega li le u zied jghid li sabiex johrog dokument minn gol-kumpanija irid ikun awtorizzat minn Direttur u l-ebda Direttur tal-kumpanija m'awtorizza li dak id-dokument partikolari johrog. Mistoqsi jekk wara li gie mgharraf illi dan il-*book of values* kien gie trasferit ghamlux kuntatt ma' Jeanelle Grima spjega li le ma kkuntattjawiex. Mistoqsi jekk dan il-*book of values* huwiex accessibbli ghal kullhadd, u jekk huwiex identiku ghal kulhadd spjega li fil-probabbilita' l-kbira l-book of values jasal ghand l-kumpaniji kollha ntermedjarji fl-istess *format* u fl-istess kundizzjoni izda ma jibqax hekk matul iz-zmien ghaliex waqt li dan id-dokument jkun ghand il-kumpanija jigi aggornat, aggornat bl-esperjenza tal-*claims* li jkun hemm, aggornat bil-*market trends* li jkunu qeghdin jigru, u aggornat ukoll minhabba li l-valur intristiku tal-karozzi jkun qed jinbidel il-hin kollu. Apparti minnhekk ikun hemm notamenti fuqu u notamenti li jkunu ristretti ghall-kumpanija partikolari li tkun qed tuzah.

Qal ukoll li jinghad x'jinghad il-ktieb kien proprjeta' tal-kumpanija u fl-ebda stadju ma l-imputata setghet tibaghatu mill-kompjuter taghha tax-xoghol lil xi hadd personali. Fuq il-kuntratt tal-impjegata kien hemm stipulat car li l-ebda dokument la forma ta' fotokopja lanqas f'ghamla originali ma kellu johrog minn gol-kumpanija u jinghata lil terzi persuni u ex admisses qal "*ahseb u ara lilha nnifisha, specjalment meta l-persuna in partikolari telqet tahdem minn maghhom biex l-ghada bdiet tahdem ma' kumpanija tal-assigurazzjoni ohra*" u izjed tard bdew gejjin rapporti minghand klijenti taghhom li kienu qed jigu approwcjati mill-impjegata. Jigifieri hu fl-opinjoni tieghu qed jghid il-fatt li persuna taqbad dokument minn go kumpanija u tibghatu lilha personali ghaliha huwa serq ghax ma kellha l-ebda awtorita' li taghmel hekk minghajr l-awtorizazzjoni ta' xi Direttur tar-Rocs. Mistoqsi min huma d-Diretturi tal-kumpanija huwa spjega li d-Diretturi huma Charles Vella, Simon Vella u Rachel Vella.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk hu kienx jaf ma' min sejra tahdem Jeanelle spjega li *at that point in time* ma kienx jaf. Mistoqsi jekk sarx jaf wara huwa spjega li fil-fatt sar jaf wara u mistoqsi jekk dan huwiex kompetitur tieghu spjega li ma jqisux bhala kompetitur tieghu huwa. Mistoqsi jekk jaghmilx l-istess generu ta' xoghol fl-assigurazzjoni spjega li l-portofolio ta' min kienet sejra tahdem mieghu l-imputata huwa izjed mitfugh fuq investimenti milli fuq assigurazzjoni. Mistoqsi jekk cio' nonostante jaghmilx assigurazzjonijiet spjega li iva jaghmel assigurazzjoni. Mistoqsi jekk huwiex allura *kompetitur* spjega li ma jqisux bhala kompetitur taghhom. Mistoqsi jekk stqarrx li kien hemm xi Manager illi dahal fil-computer ta' l-imputata spjega li le mhux fil-*computer* dahlu izda fil-*logs* tal-*emails*. Mistoqsi min hu dan il-Manager spjega li l-Manager huwa Mark Anthony Fenech. L-*emails* taghhom bhala kumpanija huma storjati fuq *server* l-Ingilterra ma' kumpanija jisimha Cobwebb. U bhala parti mill-I.T. *infrastructure* taghhom huma ghandhom access ghal kwalunkwe *email* li tintbaghat jew jiricevu fuq l-

*emails* tal-kumpanija. Fil-fatt fil-kuntratt innifsu hemm klawsola f'dan ir-rigward. Mistoqsi jekk l-impjegati jafux b'dan huwa spjega li fil-kuntratt inniffsu hemm klawsola li tghid li l-impjegat irid jigi nfurmat li huma ghandhom access ghall-*computers* u ghat-telefown *logs* u dawn l-affarijiet kollha. Mistoqsi jekk kellux provi dwar l-alegazzjoni li hemm f'dik il-parti mill-kwerela fejn kien hemm imnizzel "li numru ta' klijenti kienu qeghdin javvicinawhom u jghidulhom li s-Sinjorina Grima kienet qeghda tavvicinahom hi biex jaqilbu l-polza tal-assigurazzjoni taghhom minn mal-kumpanija taghhom ghall-kumpanija ohra jghid li ma kellux. Mistoqsi jekk huma ma kellhomx suspett li apparti l-*book of values* l-imputata setghetx hadhet xi haga ohra bhal *clients lists* spjega li meta klijenti differenti jibdew icemplulu u jghidulu li avvicinatu dik, b'referenza ghall-imputata, u ighidulu mela dik m'ghadhiex maghkom is-suspett ta' irregolarita jitla' imma ma kien hemm xejn tangibbli. Mistoqsi jekk kellhomx suspett inizjalment li haditilhom il-lista tal-klijenti huwa spjega li iva suspett kellhom. Mistoqsi jistax jindika min huma dawn il-klijenti li qalulu li l-imputata qed tipprova tohodhomlhom spjega li ma kellux l-ismijiet tan-nies mieghu imma seta' igib l-ismijiet tan-nies u t-tieni jrid ikun cert li huwa mhux qieghed jikser is-sigriet professjonali.

Huwa spjega li l-book of values huwa tal-*employer* u tkellem biss dwar dan il-fatt. Huwa spjega li hu tkellem dwar dan il-fatt ghaliex l-Avukat staqsih dwar il-kwerela x'kienet tikkontjeni l-bqija ma kienx se jitkellem dwaru kien ha joqghod biss fuq l-kwistjoni tal-*book of values*. Mistoqsi fejn hi l-provenjenza ta' dan il-*book of values* stqarr li igibuh mill-Middlesea Insurance. Mistoqsi jekk huwa jafx minn fejn il-Middlesea iggibu jghid li jimmagina li jinbena awtomatikament minnhom imma xi haga li hu jrid jistaqsi lilhom. Mistoqsi jekk dan il-ktieb johrogx kull sena wiegeb fl-affermattiv illi dan johrog kull sena. Mistoqsi jekk

jaqbilx li jkun *standard* allura ghall-assikurazzjonijiet kollha spjega li jibda bhala *standard* imbaghad jigi aggornat.

Mistoqsi jekk il-kumpanija taghhom tikkontribwixxi xi hlas lill-Middlesea minhabba li tinghata dan id-dokument spjega li ovvjament ma tghamel l-ebda hlas partikolari ghal dak id-dokument imma bhala parti mill-*agreement* mal-Middlesea hija ghandha responsabbilta' li tipprovdi dan il-ktieb. Mistoqsi jekk l-aggornar isirx mill-Middlesea u jibghatulhom spjega li l-aggornar kull sena jsir mill-Middlesea, l-aggornar intermedjarju jsir minnhom. Mistoqsi xi jkunu dawn l-*updates* li jaghmlu spjega li *updates* huma fil-valuri. Mhux necessarjament *depreciation* perezempju f'dawn l-ahhar snin kien hemm influss kbir ta' karozzi *second hand* minn barra l-pajjiz u dan effettwa l-valur tal-karozzi hawn Malta u l-valur, jekk wiehed jara l-valur tal-karozzi *second hand* hawn Malta nizel drastikament fl-ahhar snin, mhux biss *over a year* imma anka *over months*, minhabba l-influss kbir.

Mistoqsi jekk dana jupdatjawhx mhux skont xi statistika ohra li hija *available* imma skont dak li jirrinfacjaw huwa spjega li s-sigriet kollu ta' dan il-*book of values* hu li meta bniedem jigi biex jinxurja il-karozza inti tinxurja l-karozza abbazi tal-*book value*. Issa jekk huwa ma jaggornahx matul dik is-sena li inti ha tmur ghandu, hu ha jghidlek il-karozza tieghek tiswa' ghaxart elef Ewro (€10,000) meta fil-fatt tkun tista' tiswa iktar jew inqas. L-aggornament huwa importanti hafna u "*it is make or brake"* fejn jidhol il-prezz. "I*t is make or brake"* fejn jidhol il-prezz ghaliex ovvjament jekk inti ha tinxurja karozza ta' ghaxar t'elef (10,000) mod u jekk ha tinxurja karozza ta' tmien t'elef (8,000) mod iehor u allura l-aggornament intermedjarju huwa importanti hafna ghax inutli ha jnefqek mitt Ewro (€100) izjed meta jaf li l-karozza jekk Alla jhares qatt tigi *total lost* m'intix ha tohodhom dawk l-ghaxar t'elef (10,000) imma ha tiehu biss tmien

t'elef (8,000). Ix-xhud jinsisti li Jeanelle Grima ma kellha l-ebda dritt taqbad dak id-dokument u tibghatu lil terzi persuni jew lilha nnifisha. Jigifieri din hija l-bazi ta' kollox anke kieku kien l-izjed dokument semplici la ma kellhiex permess ma kellha l-ebda dritt tibghatu. Din hija l-bazi ta' kollox fl-opinjoni tieghu.

Mistoqsi jekk isegwux statistika internazzjonali spjega li mhuwiex daqshekk tekniku biex jghid jekk isegwux statistika internazzjonali, pero' jista' jassigura li l-istatistika internazzjonali ma timxix pari passu mas-suq Malti. Mistoqsi jekk il-*market values* taghhom jistax jkun differenti mill-*book of values* ta' *insurance* ohra spjega li min-naha taghhom dan jigi aggornat. Mistoqsi jekk hux ha jkun differenti minn ta' kumpaniji ohra huwa spjega li probabbli ha jkun differenti imma hu ma jafx. Hu m'ghandux access ghall-*book of values* ta' kumpaniji ohra jigifieri hu ma jistax ikun jaf ghaliex dik hija xi haga tal-kumpanija.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2014 rega' xehed **Colin Aquilina** u esebixxa *sample* tal-*letterhead* tar-ROCS. Mistoqsi jekk dak huwiex l-unika *letter heads* li ghandhom spjega li hu l'unika dokument. M'hemmx dubju li d-dokument esebit l-Qorti u mmarkat JM1 huwa falsifikat mhux biss ghax mhux miktub fuq *letter head* tar-ROCS izda ukoll ghax il-logo fuqu huwa ritratt tal-faccata tal-ufficju taghhom. Apparti minnhekk dawn it-tip ta' rizultati indikati f'dan id-dokument ma johorgux mill-ufficcju taghhom ghaliex l-ezamijiet ma jsirux minnhom. L-ezamijiet isiru f'centru apposta dwar l-assikurazzjoni fejn is-Sinjorina tkun mibghuta fuq rikjesta tal-Middle Sea Insurance b'termini tal-licenzja li huma ghandhom tal-MFSA. Biss imbaghad jahseb li kieku l-MFSA jkunu jafu b'dan it-tip ta' falsifikazzjoni ma tantx jiehdu pjacir. Ikkonferma li s-socjeta' ROCS ma tibghatx ittri lill-impjegati taghhom biex jghidulu r-rizultati. Jghid li ilhom juzaw dik it-tip ta' *letter head* qal li ilhom juzaw din it-tip ta' *letter head* dokument CSH minn Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi nhar l-20 ta’ Frar 2014 xehed **PC1490 Joseph Muscat** u mitlub jispjega dwar meta gie mqabbad mill-Prosekuzzjoni sabiex jezamina xi *hard discs* ta' *computer* u jaghmel xi ezamijiet rigward *emails* li setghu ntbaghtu fuq *email* personali ta' certu Jeanelle Grima, spjega li fit-tnejn (2) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) l-Ispettura Anne Marie Micallef talbet l-assistenza tas-Cyber Crime Unit biex johorgu l-evidenza li kien hemm relatata ma' dan il-kaz. Fl-istess gurnata PS 1579 Johann Mifsud gab *computer* tal-ghamla Dell fis-Cyber Crime Unit u dan kien proprjeta' tar-Rocs Group Company u hemmhekk giet mahruga l-ewwel ircevuta tan-numru 0863 u giet iffirmata kemm minnu u kemm mis-Surgent Yohann Mifsud.

Fit-tlieta (3) ta' Jannar ghall-habta tal-hdax u nofs (11:30) gie s-Cyber Crime Unit computer iehor u dan kien tas-suspettata Jeanelle Grima. Flimkien fil-prezenza tal-istess Surgent Johann Mifsud hemmhekk inharget it-tieni rcevuta rigward l-apparat li kienu qed jircievu. Minn hemmhekk ittiehdu r-ritratti tal-*computers* u gew maqlugha ukoll il-*hard discs* tal-PC's ghal aktar ezamijiet.

Fuq l-ewwel PC ghamlu tfittxija ghall-*emails* u kien hemm sitta (6) li mhumiex relatati ma' dan il-kaz. Fuq it-tieni PC saret tfittxija ghall-*emails* u ma kinux relatati, imbaghad kellhom l-ispread sheets li ma kinux relatati kif ukoll il-PDF's li ma kinux relatati. Barra minn hekk saret tfittxija ghad-dokumenti li minn erbgha u hamsin (54) minnhom tnejn (2) kienu relevanti. Issa dawn qeghdin atteccjati ukoll kif ukoll hemm l-*emails* li kienu relevanti f'PC 01-HD01 u dawn huma l-*emails* mibghuta minn *email* jidher abbinata ma' xi hadd jismu Jeanelle Grima u gew mibghuta l-istess *emails* go *email* ohra ta' jeanellegrima@gmail.com.

Dawn l-*emails* gew ukoll ipprintjati kif ukoll kien hemm l-*attachments* taghhom u qeghdin jigifieri bid-data b'kollox fuq is-CD li hemm annessa fir-rapport. Barra minn hekk hemm certu *emails* li kienu mibghuta barra jigifieri mill-*email* li jidher jeanellegrima@gmail.com kien hemm ukoll jeanellegrima@ovi.com u dawn kien fihom bhala suggetti relatati *Book of Values*, relatati mal-*party* ta' Rachel kif ukoll relatati mat-*Tax Annual Circulation* u tnejn (2) l-ohra dwar karozzi Daihatsu u Fiesta. Mistoqsi jekk dik ir-relazzjoni ghamilhiex hu, spjega li iva u esebiha u giet markata bhala dok JM1 . Anness maghha hemm zewg (2) *hard discs* li kienu ezamintati u dawn gew immarkati bhala JM2 u JM3.

Nhar l-10 ta' Settembru, 2014 xehed **PS1579 Johan Mifsud** u kkonferma li huwa kien il-persuna li effettivament eleva l-komputers relatati ma' dan il-kaz ghaliex fiz-zmien ta' dan il-kaz meta kien qed jigi nvestigat huwa kien stazzjonat l-Economic Crime flimkien mal-Ispettur Anne Marie Xuereb. Jiftakar li kien mar gabar xi kompjuter minghand is-socjeta' Rocs il-Furjana. Mieghu prezenti kien hemm Colin Aquilina ghan-nom tas-socjeta' Rocs u fil-fatt fil-prezenza tieghu ghamlu *disconnection* tat-*tower* u ghaddew it-*tower* lilu u effettivament hareg ircevuta ta' dak li rcieva. Allegatament dan il-kompjuter kien jintuza mill-imputata Jeanelle Grima li gharaf prezenti fl-Awla.

Spjega li kien prezenti ukoll meta gie elevat il-kompjuter tal-imputata. Spjega li effettivament dan it-tieni kompjuter gie moghti lilhom minn jeddha, hu ukoll taha ricevuta ta' din il-konsenja. Muri dawn iz-zewg ircevuti esebiti fir-rapport esebit fl-atti Dok. JM1 spjega li effettivament dawn huma iz-zewg ircevuti mahruga minnu. Effettivament in segwitu dawn l-istess kompjuters gew mghoddija lis-Cyber Crime.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2014 xehed **Charles Vella mgharuf bhala Carmel** u spjega li huwa jokkupa l-posizjoni ta' Chairman fil-kumpanija ROCS. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm kawza l-Qorti ghaddejja fuq ex impjegata taghhom spjega li iva kienu attirawlu l-attenzjoni fuqha. Mistoqsi jekk jafx min kienet din l-impjegata spjega li iva. Mistoqsi jekk qattx iltaqa' maghha spjega li iva u jaf li jisimha Jeanelle Grima u gharafa bhala l-imputata fl-Awla. Mistoqsi kemm damet tahdem maghhom u jekk giliex tkellmet mieghu spjega li l-izjed li kien ighidilha kien bongu u buonasera ghax huwa jkun qed immexxi l-post imma ghandu nies ghal ta' apposta nkarigati hemmhekk fuq il-post min jiehu hsieb dik is-sezzjoni partikolari fejn kienet tahdem.

Ovvjament attirawlu l-attenzjoni li kien hemm affarijiet li ma kienux sewwa. Mistoqsi jekk dahalx f'xi kwistjoni rigward il-kaz li nqala' spjega li le huwa ma ndahal f'xejn. Mistoqsi jekk fiz-zmien li Jeanelle ghamlet tahdem hemmhekk qattx talbitu xi permess sabiex tkun tista' tibaghat *e-mail* huwa spjega li le lilu qatt ma talbitu biex tibghat xi dokumenti barra minn fuq ix-xoghol. Spjega li fuq il-kuntratt tax-xoghol tal-impjegati inkluz ta' Jeanelle hemm miktub li persuna tkun trid permess moghti bil-miktub biex tibghat xi affarijiet tal-kumpanija. Mistoqsi jekk hu qattx ta permess bil-miktub lil Jeanelle huwa spjega li le qatt ma taha.

Muri Dok. AM5 pagna tlettax (13) a fol. tletin (30) fil-Process u mistoqsi jekk hux qed jaghraf xi haga li hija tieghu spjega li ovvjament gharaf il-kuntratt tax-xoghol u jghid li huwa l-Carmel Vella *known as* Charles Vella indikat fuq il-kutnratt. Gharaf il-firma tieghu u dan il-kuntratt tax-xoghol huwa ffirmat minn Jeanelle Grima u mid-Direttur l-iehor Simon Vella.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2014 rega' xehed **Charles Vella** u muri d-dokument esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument JM 1 u appuntu l-ahhar pagna spjega li din hija ittra intestata lil certu Mrs Grima bil-*letter heads* tar-Rocs. Spjega illi fil-fatt din m'hijiex il-*letter head* tad-ditta ROCS u kkonferma li huwa qatt ma kiteb din l-ittra.

Illi nhar it-23 ta' April, 2015 **Charles Vella** xehed in kontro-ezami u rega' irrepeta li huwa qatt ma ta permess lil xi mpjegat taghhom li johorgu xi dokumenti taghhom naturalment li huma tal-kumpanija. Spjega li fil-fatt kienu qalulu li kien hemm xi karti li jintuzaw minn sezzjoni taghhom cioe' dik tal-*insurance* u li effettivament kienu hargu mill-ufficcju taghhom. Spjega li l-*insurance* mhix is-sezzjoni tieghu. Spjega li fil-fatt ghandu l-Managers u hemm wiehed mid-Diretturi Simon Vella li huwa nkarigat minn dik is-sezzjoni. Huwa jaf li hareg dan il-*book of values* mill-ufficcju taghhom ghaliex gie infurmat hekk mid-Direttur taghhom.

Mistoqsi kif jispjega li dan il-*book of values* huwa proprjeta' tar-ROCS Limited spjega li dan huwa l-ktieb li jahdmu l-impjegati tieghu fuqu. Spjega li jekk id-dokument jigi addottat ghax-xoghol partikolari taghhom dak isir proprjeta' taghhom. F'kaz li tohrog mill-ufficcju taghhom hemm bzonn l-awtorizzazzjoni. Gie muri d-dokument a fol. 36 immarkat bhala dokument AM8 u spjega illi huwa ma jahdimx fuqhom u ghalhekk m'huwiex f'posizzjoni li jitkellem dwaru.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2014 xehdet **Rachel Vella** Direttrici tal-kumpanija Rocs Company Limited. Mistoqsija tispjega fuq il-kaz ta' Jeanelle Grima kkonfermat li kienet impjegata taghhom u li sfortunatament matul dan iz-zmien tal-impieg taghha hadet xi dokumenti tal-kumpanija minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom. Spjegat li kull min jahdem ma' Rocs Group ghandu kuntratt ghal ta' apposta meta

jibda jahdem maghhom fejn hu jiffirma u jikkonferma r-regoli tal-kumpanija taghhom minhabba s-sensittivita' tal-klijenti taghhom fejn hemm indikat li dokumenti u affarijiet proprjeta' tar-Rocs u tal-klijenti taghhom ma jistghux jigu leaked u mibghuta barra mill-ufficcju. Mistoqsija jekk dan hux qed tghidu ghal kull dokument jew hemm xi dokumenti maghzula spjegat li ghal kull dokument. Hija gharfet lill-imputata odjerna bhala Jeanelle Grima. Mistoqsija jekk Jeanelle qattx avvicinatha u talbitha xi tip ta' permess sabiex jinhargu xi dokumenti tal-*insurance*, tal-kumpanija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk qattx tat tali permess spjegat li le, la lilha u lanqas lil hadd. Mistoqsija jekk hija hix a konoxxenza illi ntbaghatu xi ritratti lill-istaff hija spjegat li le assolutament le, mhux affarijiet taghha le. Mistoqsija jekk intbaghatux xi ritratti bejn l-impjegati stess tal-party tar-Rocs spjegat li hija ma tafx li kienu ntbaghatu ritratti bejniethom.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2014 regghet xehdet **Rachel Vella** u murija ittra allegatament miktuba u ndirizzata lil Mrs Grima li tinsab fl-ahhar fol. tad-dokument esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument JM 1 u spjegat illi dan m'huwiex dokument li johrog mill-kumpanija taghhom. Spjegat li din hija *letter head* ikkupjata taghhom pero' m'hijiex *letter head* originali taghhom. Il-*logo* taghhom huwa wiehed *patented* u dan m'huwiex. Huwa ritratt tas-*sign* taghhom li ghandhom fuq barra. Il-*letter head* taghhom fil-fatt hija differenti. Hija qatt ma awtorizzat dan it-tip ta' ittra.

Illi nhar it-23 ta' April 2015 regghet xehdet **Rachel Vella** u kkonfermat dak li kienet qalet fix-xhieda taghha precedenti li sabiex jitmissu d-dokumentazzjoni tar-ROCS hemm bzonn l-awtorizzazzjoni. Mistoqsija jekk il-*book of value* ghandux *sensitive data* fil-fehma taghha l-*book of value* ghandu *sensitive data*. Spjegat li bhala wiehed mill-agenti ewlenin tal-Middlesea dan id-dokument jigi

fdat lilhom. Spjegat li effettivament ma jinghatax lil kulhadd u ghalhekk una volta jinghata lilhom huma kellhom responsabbilta' li tali dokument ma johrogx minn ghandhom. Spjegat li fehma taghha *holistically* dan il-ktieb huwa *sensitive data* u ghandhom *protocol* u *code of conduct* li min jahdem maghhom ma jistax johrog xi dokumentazzjoni tar-ROCS. Una volta dan il-ktieb gie moghti lilhom mill-Middlesea sar proprjeta' taghhom. Spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' Direttrici u rwol taghha huwa aktar li tiehu hsieb *retail* u *travel* u mhux ezattament fl-*insurance* u fl-*insurance* hija ghandha nies ohrajn li jiehdu hsieb l-*operation*. Spjegat li effettivament bhala *data protection* hija trid tiehu hsieb illi s-sensittivita' tad-dokumentazzjoni taghhom ma tigix esposta. Huwa mpossibbli illi taghti decizjonijiet illi d-dokumentazzjoni kollha taghhom ikollhom *copyright*.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2014 xehed **Mark Anthony Fenech** u kkonferma li jahdem bhala General Manager mar-Rocs Company Limited u huwa nkarigat fuq is-sezzjoni tal-*insurance*. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012) kien ihhendilja ir-rizenja ta' Jeanelle u din regghet giet irtirata minnha. Imbaghad fil-wiehed (1) ta' Gunju 2012 regghet ipprezentat ir-rizenja u huma accettawha. Imbaghad bi ftehim mad-Direttur tieghu Mr Simon Vella raw il-k*ompjuter* forsi jkun hemm xi affarijiet li ntbghatu jew hekk u sabu *email* li kienet intbaghatet ftit tas-sieghat qabel ma' tat l-ewwel rizenja. L-*email* ma kinitx awtorizzata minnu biex tintbaghat wisq anqas mid-Diretturi. Mistoqsi meta qed jghid intbghatet *e-mail* jistax jghid x'kienet din l-*email* spjega li l-*email* kellha kontenut bhala *attachment* tal-Motor Book of Values li johrog mill-Malta Insurance Association. Dokument li jinghata lilhom biex huma juzawh fix-xoghol taghhom. Mistoqsi meta kien il-perjodu jekk jiftakar lil din Jeanelle ghamlet tahdem maghhom spjega li jekk jiftakar tajjeb kien mill-elfejn u hdax (2011) sal-elfejn u tnax (2012).

Jghid li l-pulizija kienu marru ghandhom u tawhom ill-kompjuter li kienet tahdem fuqu Jeannelle Grima. Mistoqsi jekk Jeanelle qattx avvicinatu u talbitu xi awtorizzazzjoni sabiex tkun tista’ tibghat xi dokumenti spjega li le fuq permess bhal dan joqghod hafna attent minhabba s-sensittivita’ tax-xoghol taghhom. Mistoqsi jispjega naqra lill-Qorti x’inhu dan id-dokument maghruf bhala book of values spjega li dan  johrog mill-Malta Insurance Association u johrog ghal skop ta' xoghol tal-*insurance*. Dan mhuwiex il-valur ta' kemm karozza ghandha tinbiegh jew tinxtara ghax dan huwa suq hieles imma huwa indikazzjoni fuq kemm huma ghandhom jigwidaw lill-klijent taghhom biex jinxurja l-karozza. Jinghata lilhom mill-Principal taghhom u ghal skop ta' xoghol biss. Ma jinstabx *online*, l-ahhar li kien *online* jekk mhuwiex sejjer zball kien fl-elfejn u tmienja (2008). Kieku ovvjament jinsab *online* wiehed m'hemmx ghalfejn joqghod jibghatu ghax ovvjament inti jekk ha tuza *email* xorta, *internet* ha tuza, allura tista' tidhol mill-ewwel fuq l-*internet* fuqu. Huma juzawh esklussivament ghal skop ta' xoghol. Jekk ser jinhareg dokument mix-xoghol hemm bzonn ghal awtorizzazzjoni mis-superjuri tieghu. Spjega li dan id-dokument jigi mqassam lill-Insurance Companies kollha ghal uzu ta' xoghol biss. Ovvjament huma ghandhom il-Pricipal taghhom u kif huma rcevewh m'ghandhom l-ebda awtorizzazzjoni jergghu jibghatuh 'l barra. Barra minhekk jista' jkun hemm ukoll zbalji fih fejn huma jaghmlu noti interni u dawn ikunu esklussivament ghal xoghol intern.

Hadd ma hu awtorizzat jibghat informazzjoni mill-kumpanija 'l barra specjalment fuq *emails* personali tal-haddiema u minghajr awtorizzazzjoni. Huma marbutin bis-sigriet professjonali u *data protection*. Mistoqsi jekk hu kienx infurmat illi Jeanelle kienet qeghda taghmel xi xoghol wara l-hin, forsi anke mhux mill-ufficcju spjega li le ma kienx infurmat. Mistoqsi jekk jawtorizzawx il-haddiema

taghhom jaghmlu xi xoghol apparti l-hin tal-ufficcju spjega li jekk huwa relatat max-xoghol taghhom dejjem iridu jitolbu awtorizzazzjoni biex wiehed ikun jista' jahdem barra l-ufficcju, hemm licenzja specjali li wiehed irid jigi llicenzjat min-naha tal-MFSA. Mistoqsi jekk fil-kaz ta' Jeanelle kienx hemm dan it-tip ta' awtorizzazzjoni spjega li jekk m'huwiex sejjer zball l-awtorizzazzjoni fuq Jeanelle Grima hi li tahdem mill-ufficini tal-kumpanija taht il-licenzja ta' Rocs.

Illi nhar is-6 ta' Gunju, 2014 rega' xehed **Mark Anthony Fenech** u muri ittra esebita f'dawn l-atti fl-ahhar pagna tad-dokument inserit fl-atti u mmarkat bhala dokument JM 1 li hija ittra ndirizzata lil certu Mrs Grima u spjega illi din l-ittra m'hijiex fuq ittra ufficcjali tal-kumpanija. Mistoqsi jekk huwa jafx xi haga fuq il-kontenut ta' din l-ittra spjega li effettivament jaf illi s-sinjorina Grima marret ghal xi kors pero' huma qatt ma awtorizzaw il-hrug ta' tali ittra. Mistoqsi jekk jaqblux il-marki li gabet f'dan il-kors ma' dawk li hemm muri f'dak id-dokument spjega li m'huwiex infurmat u ma jafx. Spjega illi l-kors ikun gie mibghut minn MSV Life jew Middlesea u ghalhekk iridu jsaqsu lilhom dwar ir-rizultat. Spjega li wara li dak li jkun jispicca l-kors tieghu l-impjegat ma jibghatx ittra lir-ROCS f'sens li r-ROCS ma tibghatx lill-impjegat.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2014 rega' xehed **Mark Anthony Fenech** u spjega li l-Book of Values johrog minn Malta Insurance Association (MIA) u jintbaghat lill-Insurance Companies kollha. In segwitu l-Insurance Companies jiddistribwixxu dan il-ktieb lill-Agenti u Intermedjarji taghhom. Huma ukoll ircevewh minghand il-principal taghhom l-Middlesea u dana sabiex ikunu f'pozizzjoni ahjar li jigwidaw lill-klijenti taghhom fuq il-valur li ghandu jigi nxurjat il-vettura.

Spjega li dan il-ktieb juzawh internament ghaliex jinghata lilhom u anke ai fini ta' *data protection* u biex huma jibghatu dan il-ktieb il-barra jkollhom bzonn l-awtorizzazzjoni tal-principal taghhom, f'dan il-kaz il-Middlesea. Spjega li l-emendi li jsiru fuq dan il-ktieb isiru naturalment minn persuna li tkun harget il-ktieb. Jista' jkun illi dan il-ktieb fil-fatt ikollu zbalji fih ghaliex effettivament dan il-ktieb jintuza biss bhala gwida u jista' jkollu informazzjoni fih li matul iz-zmien ma jibqax daqstant relevanti u ghalhekk certu informazzjoni li ma tibqax daqstant relevanti tista' titnehha mill-kumpanija stess.

Spjega li l-korrezzjoni li ssir, issir mill-Malta Insurcance Bureau fuq il-ktieb u naturalment dawn jinfurmaw lil kull min jiddistribwixxi l-ktieb biex il-korrezzjoni tkun l-istess ghal kullhadd li jaghmel uzu ghal dan il-ktieb. Il-ktieb in kwistjoni jkollu hafna data, eluf u ghalhekk jista' jaghti l-kaz illi xi hadd ikun induna b'xi zball u effettivament huma jiehdu nota, jinfurmaw lill-istaff interni biex isir il-korrezzjoni opposita.

Il-Book of Values taghhom ikun ezatt bhal Book of Values li jigi ntuzat minn kumpaniji assikuratrici ohrajn salv dawk il-korrezzjonijiet li jaghmlu huma internament jekk naturalment ikun il-kaz li jindunaw.

Illi nhar id-19 ta’ Frar, 2015 **Mark Anthony Fenech** xehed in kontro-ezami u spjega li huwa ghadu jahdem ma' Rocs illum il-gurnata. Spjega li nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju, *two thousand and twelve* (2012) huwa ma kienx fl-ufficcju meta effettivament l-imputata kienet tat ir-rizenja taghha pero' kien gie mgharraf minn Colin Aquilina li l-imputata kienet tat ir-rizenja taghha. Spjega li fil-fatt kienu tkellmu maghha dakinhar stess u xtaqet tiritira l-istess rizenja taghha. Huwa jifforma parti mill-*management*. Fil-fatt huma kellhom interess li jzommu lill-imputata tahdem maghhom. Ikkonferma ukoll li fl-ewwel (1) ta'

Gunju 2012 l-imputata regghet tat ir-rizenja taghha. Spjega li dakinhar tal-ewwel (1) ta' Gunju 2012 kellha tkun xoghol normali ghalkemm ma kinitx marret ghax-xoghol. Fil-fatt bdew jistaqsu biex jaraw jekk kinitx cemplet *sick*, pero' aktar tard dakinhar stess kienet marret l-ufficcju mhux libsa l-uniformi u kellha ittra f'idejha. Spjega illi l-ittra kienet maghluqa go *envelope* u qaltlu li kienet ir-rizenja taghha. Huwa dik l-ittra ma fetahiex u ghaddiha lis-superjuri tieghu u mbaghad ovvjament irrizulta li kienet ir-rizenja. Huwa spjega li hu ma jaccettax rizenji lanqas jichadhom huwa kemm jghaddihom ovvjament lil min jikkoncernaw.

Mistoqsi jekk hix procedura normali li jiccekkjaw l-*emails* tal-impegati taghhom li jirrizenjaw jew jekk dan kienx kaz partikolari ghaliex proprju kienet Jeanelle Grima, spjega li bhala procedura hija normali ghaliex jiccekkjaw jekk dak li jkun ikunx halla xoghol pendenti u spjega li effettivament wiehed ma jkunx qed ifittex xi haga partikolari. Mistoqsi kif effettivament fix-xhieda precedenti tieghu jghid li huma kienu l-proprjetarju tal-*book of values* iwiegeb jaqbel li dan il-ktieb jigi mibghut lill-Brokers kollha pero' spjega li huma fl-ebda hin ma gabu l-*authorisation* tal-Middlesea Insurance sabiex jibghatu dan il-ktieb 'il barra mill-kumpanija, wisq inqas sabiex jigi *extracted* mis-server tal-kumpanija u jigi mibghut lil terzi.

Dan il-*file* fl-*excel* kien issejvjat fuq il-kumpanija u gie mibghut lil terzi. Huwa minnu li dan il-ktieb johrog darba fis-sena. Huma ma jahdmux bhala Brokers huma biss intermedjarji. Spjega li effettivament dan il-ktieb li gie mibghut lil terzi kien l-istess ktieb li kienu rcievew huma minghand il-Principal taghhom. Spjega li dan il-ktieb li huma jircievu minghand il-Middlesea huma jissejvjawh fid-*data* taghhom fis-*server* taghhom. L-istaff huma awtorizzati li jaghmlu access ghalih. Naturalment wiehed jista' jaghmel aggornamenti fih u jbiddel xi format fih ghaliex wiehed jircevih in *excel* pero' mhuwiex informat li kien mibdul mill-

istat originali tieghu. Huwa qatt ma ntalab sabiex jaghmel, sabiex persuna li tahdem maghhom jaghmel kopja ta' dan il-ktieb.

Illi nhar is-6 ta’ Gunju, 2014 xehed **Simon Vella** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' ROCS. Spjega illi jaf li Jeanelle Grima kienet impjegata tas-socjeta' ROCS. Jiftakar li kienet tat ir-rizenja u fl-istess jum kienet irtirat tali rizenja. Huma jassiguraw illi meta persuna titlaq minn mal-kumpanija taghhom ma jkun hemm ebda *back log*. Il-Manager taghha kien iccekja l-affarijiet taghha certu Mark Anthony Fenech u spjega li effettivament kienu nstabu xi *emails* li kienu ntbaghtu mill-proprjeta' tal-kumpanija lilha innifisha. Mistoqsi jekk huwa rax dawn l-*emails* spjega li rahom u rahom ghax kien urihomlu l-Manager. Wahda minnhom l-iktar li tikkoncerna lilhom kien hemm indikazzjoni illi harget xi informazzjoni nterna u cioe' il-*book of value* u b'dan ried ifisser fejn hemm miktub il-*market prices* tal-karozzi u spjega li dan il-*book of values* intbaghat fuq *email* personali taghha.

Huma jibbazaw ir-*rating* tal-*insurance* fuq il-*book of value* naturalment ghax ikun hemm il-*market price*. Spjega li dan il-ktieb jigi mqassam lill-kumpaniji tal-*insurances*. Spjega li huma fil-fatt pero' jaghmlu l-*adjustments* taghhom fuq dan il-ktieb u ghalhekk qed jispjega li dan huwa proprjeta' taghhom u ghalhekk dan il-ktieb huwa partikulari ghalihom u l-*adjustments* li jaghmlu jaghmluhom fuq l-esperjenza taghhom mis-suq naturalment a bazi tal-*claims* li jkollhom.

Gie muri ittra li tinsab inserita fl-atti fl-ahhar folio tad-dokument JM 1 u spjega li hija ittra ndirizzata allegatament lil Mrs Grima. Spjega illi fil-fatt din l-ittra m'hijiex miktuba fuq *letter head* tal-kumpanija u dwar il-kontenut taghha huwa ma jaf xejn.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega illi fil-fatt l-imputata qed tahdem ma' kumpanija kompetitrici taghhom MFSP u hu ilu jahdem fil-qasam tal-*insurance* min-*ninteen ninety six* (1996). L-ahhar li hareg dan il-ktieb il-*book of values* kien fis-sena *two thousand and eight* (2008) u rega' hareg din is-sena. Fil-passat dan il-ktieb kien johrog kull sena izda ghal dan l-ahhar ma harigx u kien ukoll *available* fuq l-*internet* pero' mit-*two thousand and eight* (2008) l'hawn ma baqghax *availabale* fuq l-*internet*. Mistoqsi meta kien hareg l-ktieb li l-imputata baghtet lilha stess tramite *email* spjega li ma jafx meta kien hareg. Mistoqsi jekk kinitx verzjoni aktar ricenti spjega li jista' jkun. Mistoqsi kemm kellu *updates* dan il-*book of values* mill-original spjega illi kien hemm diversi zbalji fih u ghalhekk saru diversi *updates*. Mistoqsi kemm l-*update* kellu dan il-ktieb spjega illi ma jafx. Mistoqsi jekk jaghrafx lil Jeanelle Grima spjega li iva l-persuna quddiem il-Qorti.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2014 rega xehed **Simon Vella** u mistoqsi min johrog il-*grades* tal-ezami spjega illi dawn jinhargu mill-principal li effettivament johrog l-ezami u dan ghaliex dawn ir-rizultati jridu jmorru ghand l-MFSA biex johorgu b'mod ufficcjali. Fil-kaz taghhom l-principal taghhom huwa l-Middlesea Insurance u l-MSV Life. Spjega li fil-kaz tal-imputata odjerna saru ukoll xi *courses* ghand l-MITC, Malta International Insurance Trading Centre. Ir-rizultati f'dan il-kaz johorgu jew mill-MITC jew mill-Middlesea ghalhekk ir-rizultati ma johorgux fid-dokument esebit f'dawn l-atti, huma ma jidhlux fihom.

Illi nhar l-10 ta' Settembru 2014 xehed **Vittorio Laferla** u spjega li huwa jahdem bhala mpjegat tal-Middlesea Insurance. Ikkonferma li huma jaghtu Il-Book of Values lill-Agenti taghhom u dan m'huwiex accessibbli ghan-nies komuni tat-triq. Huwa biss accessibbli ghall-impjegati tal-kumpaniji fejn huma jibaghtu dan il-ktieb fis-sens il-Brokers, Agenti taghhom u n-nies li jahdmu maghhom. Pero'

spjega li kien hemm perjodu ta' zmien meta l-Book of Values kien accessibbli ukoll mill-*internet* u dana mis-*site* tal-Malta Insurance Association u dan billi ssib il-mudell tal-karozza, taghtik is-sena tal-manifattura u jkollok il-valur u ghalhekk mhux il-Book of Value kollu *per se* pero' l-informazzjoni individwali setghet taccessaha mis-sit.

Mistoqsi meta kien dan il-perjodu spjega li jekk m'huwiex sejjer zball l-ahhar li kien accessibbli kien fis-sena elfejn u tmienja (2008). Spjega ukoll illi ma kinitx accessibbli ghal zmien twil ghal xi sentejn (2), tlieta (3) l-aktar.

Spjega li meta xi hadd jinduna li hemm zball effettivament jinfurmawhom li hemm zball u huma jinfurmaw l-MIA imbaghad jerga' johrog il-ktieb tal-Book of Values, issir il-korrezzjoni ghar-*reprint* tieghu.  Huwa jokkupa l-Head of Unit tal-Motor and Personal Clients tal-Middlesea Insurance. Huwa kien il-persuna nkarigat milli jircievi l-Book of Values u kien iqasmu hu lill-istaff u lill-Agenti Intermedjarji taghhom. Huma jibghatu l-ktieb lir-Rocs u l-Agenti kollha taghhom.

Illi nhar il-21 ta' Mejju, 2015 xehdet l-impuata  **Jeanelle Grima** minn jeddha u b'mod volonarju u spjegat li hija bdiet tahdem ma' Rocs f'Settembru, elfejn u hdax  (2011) u spiccat minn maghhom f'April, elfejn u tnax (2012). Hija kienet qalet lill-*manager* taghha Mark Anthony Fenech li xtaqet taghti r-rizenja taghha u nsegwitu taf li kien tkellem ma' Colin Aquilina dwarha. Kien talabha biex tkellmu fl-ufficcju tieghu u wara dak il-*meeting* kienet iddecidiet li ma taghtix ir-rizenja. Cio' nonostante gimgha wara regghet tat ir-rizenja taghha. Spjegat illi wara li tterminat l-impjieg taghha ma' Rocs marret tahdem ma' kumpanija ohra Financial MFSP u ghadha tahdem hemm sal-gurnata tal-lum. Spjegat illi l-*book of values* imsemmi f'dan il-proceduri huwa ktieb li johrog mill-MIA Malta

Insurance Assosication u dana johrog darba fis-sena f'Ottubru. Id-*data* li jkun hemm fih ma tkunx sensittiva. B'dan riedet tfisser li huma mudelli tal-karozzi li jirrifletti l-valur ta' dawn il-vetturi fis-suq.

Spjegat li hija effettivament kienet baghtet dan l-istess ktieb lilha nnifsha *via email* u kienet ghadha tahdem mar-Rocs u hija ma ghamlitha bl-ebda intenzjoni li tqarraq bir-Rocs u dan hija ghamlitu ghaliex meta ma tkunx xoghol u jcemplulha l-hbieb jew familjari taghha tkun tista' tghinhom sabiex ttihom il-valur tal-karozza kif tkun fis-suq. Spjegat ukoll li hija kellha z-zija taghha li ma tistax timxi u kienet waslet biex tixtri karozza u kienet setghet tghinha ukoll meta ma tkunx l-*office hours*. Spjegat illi hija fil-fatt awtorizzata taghmel dan ix-xoghol mill-Middle Sea Insurance u regolarizzata mal-MFSA.

Hija hassitha libera li tibghat dan il-*book* lilha nnifsha ghaliex ma fih l-ebda informazzjoni sensittiva. Il-ktieb johrog darba f'sena mill-MIA u dana jibqa' l-istess ghal kull *insurance*. Dan ghaliex jekk hija tmur ghand kumpanija (a) u kumpanija (b), ir-rekords iridu jaqblu. Fis-sens ta' *market value* u mhux suppost isir *amendments* tieghu. Saritilha referenza ghal pagna tlieta (3) tal-istqarrija taghha fejn hija kienet spjegat illi effettivament kienet taghti informazjoni skont il-*book of values* taghha mid-dar u dan bil-ghan li ttihom l-ahjar prezz jekk setghax kien il-kaz allura li l-*book of values* huwa emendat mir-Rocs biex ikunu f'posizzjoni li jaghtu l-ahjar prezz hija waqt ix-xhieda spjegat li a*mendements* li r-Rocs qalu li kienu jaghmlu fuq dan il-ktieb ma kinux jirriflettu l-prezzijiet li ser jigu kwotati fil-*quotation*. Kull ma hemm fil-*book of values* huwa l-valur reali tas-suq tal-vettura li tkun ser tinbiegh. L-unika haga li kienet tkun ta' beneficcju ghar-Rocs f'dan il-kaz hija kienet tghin lill-hbieb u l-familjari taghha peress li tkun ghinithom ihossuhom obbligati biex jaghmlu l-*insurance* maghhom mar-Rocs.

Mill-*book of values* ma jinhargux prezzijiet. Spjegat illi l-*quotations* kienu jigu mahduma mill-ufficcju u l-ghada li effettivament ma kienx ikun hemm ghalfejn terga' taghmel verifiki mal-*book of values* ghax l-informazzjoni tkun diga' haditha. Hija qatt ma talbet permess biex tibghat dan il-*book of values* lilha nnifsha. Hija hassitha libera u dan ghaliex tant ma fihx informazzjoni sensittiva u kull ktieb li johrog mill-*book of values* mill-MIA ma ghandux jigi emendat, li hassitha libera li tista' tibaghtu. Kien hemm snin meta tista' tnizzel dan il-ktieb *book of values* direttament mill-*internet* u ohrajn le. Pero' jekk inti tmur direttament ghand il-Middle Sea u l-MFSA bhala intermedjarja jew bhala *tide insurance intermidiary* ituhulek bla problemi ta' xejn la tkun licenzjata, u hija licenzjata u dak iz-zmien kienet licenzjata ukoll. Spjegat li bhala kopja l-MFSA jibaghtuha lill-imghallem tieghek u ghalhekk ir-Rocs suppost fir-*records* taghhom ghandhom kopja taghha. Hija tibqa' ssostni li dan mhux dokument ta' Rocs izda huwa dokument tal-MIA u ghalhekk ma kellu qatt jigi emendat.

Fl-10 ta Dicembru 2015 xehed PS 1490 Joseph Muscat u kkonferma li kien ha d-data minn fuq dan il-kompjuter billi gabarha mill-hard disc. Stqarr li huwa jara kompjuter b'mod differenti mis-sid tieghu ghaliex huwa jarah biss bhala folders u files. Ghalhekk huwa possibli li f'dan il-kompjuter hemm files li ma rahomx. Dak li gie esebit il-Qorti m'huwiex dak kolu li kien storjat fih izda dak li kellu x'jaqsam mar-Rocs. Huwa kien fittex b'mod partikolari ghall-extensions li huma relatati ma' emails b'mod generali cioe' vis-a-vis Rocs u ma sab xejn fil-kompjuter ta l-imputata. Wara kien fittex fl-*ispread sheets* bhal *excel sheets* ghal xi dokument relatat ma' Rocs u ma sab xejn lanqas. Kien fittex ukol fil-PDfs u kien hemm 85 ghall-informazzjoni dwar ir- Rocs u ma sab xejn relevanti ghal darb'ohra. Fittex fid-documents u sab li kien hemm tnejn relevanti fil-fehma tieghu. Komunikazzjoni li saret bejn Colin Aquilina u Jeannelle Grima u l-ohra

hija file li kien hemm anness mal-istess komunikazzjoni li jinsabu fl-Appendix C tad-document JM1 u ghalhekk mill-kompjuter tal-imputata u cioe' dak bla serial number tal-ghamla Act kull ma kien hemm relevanti ghas-socjeta' Rocs huwa d-dokument li jinsab fl-Appendix C. Fil-kompjuter l-iehor li ittiehed minghand ir Rocs kien hemm xi dokumenti relatati ma' xi birthday party tar-Rocs.

Rat il-verbal taghha tal-25 ta' Frar 2016 fejn fuq talba tad-difiza nnominat lil Dr Anton Felice sabiex jigi stabbilit jekk il-book of values mahrug mill-insurances fir-rigward tal-prezzijiet tal-vetturi ikunx accessibbli lil kull insurance company bla hlas u dan b'mod partikolari ghas-sena 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Anton Felice** moghtija nhar it-12 ta' April 2016 fejn esebixxa ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok AF. Spjega li effettivament il-book of values li huwa mertu tal-kaz huwa dak tas-sena 2011 ghaliex fis-sena 2012 dan il-ktieb hareg f'Novembru u l-imputata kienet gja spiccat tahdem minn mas-socjeta' ROCS. Spjega li l-ktieb instab ghand ir-Rocs bhala sub agents tal-Middlesea u ghalhekk dan il-ktieb jappartjeni lil Rocs bhala lungo manus tas-socjeta' Middlesea. Il-hsieb ta' dan il-ktieb huwa sabiex l-informazzjoni ta' go fih jigi ripartit lill-pubbliku in generali biex l-assigurat ikun jaf kemm tiswa il-vettura tieghu meta jigi sabiex johrog polza ta' sigurta' fuqha anke sabiex ikun jaf il-valur meta jigi sabiex jaghmel xi claim.

Sa ftit qabel is-sena 2011 dan il-ktieb kien accessibbli fuq il-website tal-Motor Insurance Association u dan fuq inkarigu tal-Motor Insurance inkluza l-Middlesea. Fis-sena 2011 dan is-servizz gie interrott minhabba ragunijiet teknici u mhux minhabba ragunijiet ta' principju. Minkejja dan irrizultalu li kien hemm numru ta' socjetajiet bhal England & England li kienu qed jaghtu struzzjonijiet

lill-assigurati taghhom sabiex jidhlu fuq il-website tal-Motor Insurance Association biex ikunu jafu il-valur tal-vettura taghhom.

Minkejja dan jghid li Geoffey Bezzina tal-Consumer Unit tal-MFSA kien qed jaghmel pressjoni mal-Motor Insurance Association sabiex dan is-servizz jerga' jitqieghed fuq l-internet fuq is-sit taghhom sabiex il-konsumatur ikun jaf il-valur tal-vettura tieghu. Stqarr li dan il-ktieb jappartjeni lil Rocs bhala lunga manus tal-Middlesea pero' linja linja hi accessibli ghall-pubbliku. Ikkonkluda li ma hemm l-ebda data sensittiva fih fis-sens ta' *data protection*, fis-sens ta' data fuq l-individwu li huwa identified or identifiable, la fiha data li hija medika u/jew etnika.  Fil-fatt jghid li r-Rocs ma hallset xejn ghal dan il-ktieb waqt li l-Middlesea hallset.

Semghet lill-avukat difensur tal-parte civile Dr Vincent Galea, l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Anne Marie Micallef  u lill-Avukat tad-difiza Dr Andy Ellul jitrattaw il-kaz fid-dawl tal-akkuzi moghtija.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza li ma jidhrux li huma kontestati huma s-segwenti:

1. Illi l-imputata Jeannelle Grima ghamlet xi zmien tahdem fl-ufficini tas-socjeta' Rocs bejn is-sena 2011 u April 2012 fid-dipartiment tal-Insurance.
2. Illi qabel ma ghaddiet l-ittra ta' rizenja taghha lill-ufficcjali tas-socjeta' Rocs hija qabdet kopja tal-book of values li kienu juzaw fl-ufficini tar-Rocs u baghtitu via l-email tax-xoghol taghha u cioe' Jeanelle1@rocsmail.com lill-email taghha personali u cioe' jeanelle.grima@gmail.com.

3. Jirrizulta li dan il-ktieb jinghata lis-socjeta' Rocs mis-socjeta' Middlesea u dan bil-ghan li l-impjegati tar-Rocs jaghmlu uzu minnu meta jigu sabiex jaghtu pariri lill-klijenti taghhom dwar il-valur tal-vettura li ser ikunu ser jinxurjaw maghhom.
4. Illi kif effettivament xehed l-Espert Dr Anton Felice, dan il-ktieb ma fihx data sensittiva u minkejja li jappartjeni lil Rocs bhala lungus mano tas-socjeta' Middlesea, il-kontenut tieghu linja linja huwa accessibbli ghall-pubbliku u huwa ta' interess ghall-pubbliku.
5. In oltre jirrizulta li kien hemm zmien meta dan l-istess ktieb kien jinsab on line sabiex b'hekk il-pubbliku kellu access dirett u fil-fatt jirrizulta li minkejja li ma kienx ghadu disponibbli online, l-MFSA tramite Godfrey Bezzina kien qed jaghmel pressjoni sabiex dan il-ktieb jerga' jitqieghed online.
6. Is-socjeta' kwerelanti qed tghid li dak li ghamlet l-imputata u cioe' li baghtet lilha nnifisha dan id-dokument jikkostitwixxi misuse ta' kompjuter u dan ghaliex baghtet informazzjoni taghha barra mill-parametri tal-kumpanija minghajr awtorizazzjoni minkejja li fil-kuntratt ta' impieg taghha l-imputata kellha miktub li ma setghetx taghmel dan.
7. Fil-fatt il-Prosekuzzjoni resqet lid-diretturi kolha tas-socjeta' Rocs sabiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti kif effettivament l-imputata ma kellhiex din l-awtorizazzjoni li taghmel dak li effettivament ghamlet.
8. Minn naha l-ohra d-difiza qed issostni li ma kellhiex bzonn tali awtorizzazzjoni una volta hija kellha awtorizzazzjoni sabiex tuza il-kompjuter fuq ix-xoghol taghha b'mod liberu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha d-dover sabiex wara li tifli x-xhieda fuq transkritta tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati moghtija lill-imputata u cioe' dawk principalment li jikkoncernaw *computer misuse* kif kontemplat fl-Artikolu 337C (b) (c) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reati li jkkoncernaw l-uzu mhux kif awtorizzat fil-kompjuter jinsabu fis-sub-titolu V tal-Kodici Kriminali intitolat 'Of Computer Misuse' u gie introdott permezz ta' Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VII tas-sena 2015.

Il-Computer Misuse Bill li hareg ghad-dikussjoni pubblika nhar it-18 ta' Novembru 2000 kienet wahda mit-tlett bills li hargu sabiex jikkriminalizza reati konnessi mal-uzu hazin ta' kompjuter. Din kelha bzonn framework regolatorju sabiex ikollna socjeta' elettronika u jidher li dan kien l-ghan ewlieni tal-ligi li kienet qed tigi diskussa. Din il-ligi giet proposta sabiex jigi indirizzat dan il-fattur ta' uzu hazin. Kif jirrizulta mid-dibattiti parlamentari tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2000 l-allura Onorevoli Ministru tat- Trasport u Komunikazzjoni il-Perit Censu Galea gie raportat li qal is-segwenti:

"*madankollu rridu niehdu ukoll il-mizuri legislattivi, il-passi legali necessarji irid ikollna l-framework legali ukoll, li permezz tieghu min jipprova b'xi mod jabbuza minn dik l-informazzjoni li jkun hemm fuq is-sistemi li qieghdin insemmi attwalment ikun jista' jigi processat, attwalment tkun jista ukoll jittiehdu fil-konfront tieghu l-passi legali...*"

Pero' kif anke gie diskuss fl-istess seduta kif ser jigi rapportat, il-parlamentari hadu in konsiderazzjoni l-importanza li l-ligi nostrana tkun in linea ma' standards internazzjonali. Fis-sens li jkun hemm mhux biss ghajnuna reciproka internazzjonali f'materji ta' indole kriminali, izda li jkun hemm *standardisation*

*of offences*, sabiex b'hekk ikun hemm uniformita' fir-reati. Ghalhekk il-mudell Malti huwa influwenzat bi kbir bil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fuq Cybercrime u l-ligi Ingliza. L-allura Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali Dr Austin Gatt meta kkummenta fuq dan il-Bill ta' Computer Misuse stqarr s-segwenti:

"*… mhux bilfors irridu nehduhom (direttivi tal-UE, UN et al) in konsiderazzjoni. Mela nistghu ninjoraw l-istandards li qed taghmel l-Ewropa, li qed taghmel l-Amerika, li qed jaghmlu l-Far East u li qed jaghmlu organizazzjonijiet Internazzjonali*."

Cio' nonostante pero' l-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bl-uzu ta' kompjuter gew imwarrba.

M'hemmx dubju li t-tlett akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputata lkoll jitkellmu u jaghtu cirkostanzi meta jista' jinghad li hemm uzu hazin ta' kompjuter. Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.

Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala Computer Misuse Act 1990 jkun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja.  Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse.  **Richard Card** fil-ktieb

tieghu intitolat '**Criminal Law'**[1] jghid li dan ghandu jkun "*Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled*."

**Blackstone** fil-ktieb tieghu intitolat **Criminal Practice**[2] jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti:

"*Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if*

*(a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and*

(b) *He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled*"

Infatti fil-ktieb intitolat **Computer Law**[3] ippublikat minn **Reed u Angel** b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk:

*"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*

Illi din il-materja hija pjuttost gdida ghall-Qrati Maltin tant li ma ssibx wisq gurisprudenza li taghti konfort lil min qed jiddeciedi kawzi bhal dawn. L-Artikoli

---

[1] (Butterworths 1998 Edition) fol 381
[2] (Edition 1996 fol B18-1 pagna 643)
[3] fis-sitt edizzjoni

337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw din il-materja u cioe` l-Artikolu 337 huwa pjuttost miftuh ghal interpretazzjoni.

L-imputata fl-ewwel lok giet akkuzata talli minghajr awtorizazzjoni ghamlet *output* ta' xi *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-kompjuter li jkunu qieghdin jinzammu fih sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun kif kontemplat fl-Artikolu 337C (b). Minkejja li fl-Artikolu 337B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm diversi tifsiriet dwar kliem relatat mar-reati ta' uzu mhux kif provdut tal-kompjuter ma nsibu l-ebba tifsira tat-terminologija 'minghajr awtorizazzjoni'.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament l-imputata kif stqarret hija stess qabdet dokument li kellha fil-kompjuter taghha tax-xoghol u baghtitu lilha stess. Jirrizulta li l-imputata kellha access liberu ghall-kompjuter li kienet qed tuza kif fil-fatt kellha tul is-sena li damet tahdem mas-socjeta' Rocs. Jirrizulta li dan il-ktieb li hija baghtet lilha nnifisha kien il-*manual* li kienet tuza bhal gwida sabiex tistabbilixxi l-valur ta' vettura li kienet ser tohrog polza ta' sigurta' dwarha. Jirrizulta li dan id-dokument kien proprjeta' tas-socjeta' Rocs ghaliex kien intbghat lilha mis-socjeta' Middlesea pero' stante li l-imputata kienet licenzjata mill-MFSA setghet taghmel uzu minnu liberament. Jirrizulta kif stqarr Dr Anton Felice li dan il-ktieb ma kien fih l-ebda data sensittiva anzi kien disponibbli online ghal zmien konsiderevoli. Qal li ghalkemm bhala dokument kien tas-socjeta' Rocs linja linja kien tal-pubbliku.

Fl-Ingilterra kien hem kaz simili fl-ismijiet **D.P.P vs Bignel**[4] fejn f'dan il-kaz l-imputat kien ufficjal tal-pulizija u gie akkuzat talli kien ottjena informazzjoni mill-kompjuter tal-Pulizija dwar dettalji ta' zewg karozzi li jappartjenu lis-siehba

[4] 1998

tal-kollega tieghu meta kien jaf li din l-informazzjoni kienet ser tintuza ai fini mhux tal-pulizija. Il-Qorti laqghet id-difiza tieghu li l-ligi dwar Computer Misuse meta titkellem fuq 'control access' titkellem dwar l-awtorita' sabiex taccedi ghal uzu tal-kompjuter u b'hekk l-access tieghu bhal ufficcjal tal-pulizija ma kinitx ristretta anzi kienet awtorizzata u ghalhekk il-Qorti ma setghetx issibu hati tar-reat kif kontemplat fl-Artikolu 17(2) tal-UK Misuse Of Computer Act li tikkorrispondi ghall-Artikolu 337C(b), izda semmai qalet li l-prosekuzzjoni messha harkitu u akkuzatu bir-reati kif kontemplati fid-Data Protection Act ghaliex kien dak il-ksur li sehh.

Issa fil-kaz in desamina l-imputata kienet impjegata regolarment mas-socjeta' kwerelanti, u kienet taghmel uzu regolarment minn dan id-dokument u ma kienx hem il-htiega tas-superjur taghha sabiex ikollha access ghal dan id-dokument u ghalhekk il-fatt li hija baghtitu lilha nnifisha d-dar fuq l-email taghha ma biddel xejn mill-fatt li kienet hi ser taghmel uzu minnu. Fil-fatt kif stqarret hi stess fl-istqarrija taghha l-intenzjoni taghha kien li jekk ikun hemm min isaqsiha dwar valuri tal-vetturi hija tkun f'posizzjoni li tivverifika tali rikjesta. Kien id-dover tal-Prosekuzzjoni li tipprova jekk kienx hemm xi intenzjoni ohra da parti tal-imputata u mhux tissupponi li setgha kien hemm xi motiv ulterjuri kif donnha insinwat l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni taghha.

Fit-tieni lok l-imputata giet akkuzata skond l-Artikolu 337C (c) tal-Kapitolu 9 u cioe' li "*minghajr awtorizzazzjoni, ikkupjat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm*"

Dan ir-reat essenzjalment ifisser li jkun hemm kkuppjar ta' data, software jew dokumentazzjoni b'mod mhux awtorizzat minn post ghal iehor li l-utent l-

legittimu ma jkunx awtorizza. Ghandu jigi kjarifikat li l-ikkupjar ma jinkludix '*transfer*'. Izda jekk l-utent ghandu dokument storjat f'post u ipoggih band'ohra tali azzjoni ma jaqax taht din id-disposizzjoni tal-ligi izda semmai taht is-sub-artikolu 'g' u l-imputata ma gietx akkuzata bih. Dan is-sub-artikolu gie introdott sabiex jigi evitat ikkupjar ta' data. Principalment dan is-sub-artikolu gie introdott sabiex jigi evitat kkupjar ta' data ghaliex dan l-istat ta' fatt illum huwa komuni hafna. Din l-attivita' ta' kkupjar ta' data fil-fatt illum hi maghrufa bhala '*theft of software'* jew '*software piracy'* u dan ghaliex tali agir jista' jpoggi lis-socjeta' li jkollha id-data taghha kkupjat fi svantagg mal-kompetitur taghha meta dan isehh. Dak li ghamlet l-imputata u cioe' li baghtet il-'*book of values'* li kellha stortjat fil-kompjuter taghha stess lilha nnifsiha ma jikkonstittwix dan ir-reat in desamina ta' kkupjar ta' data.

Fit-tielet lok l-imputata giet akkuzata bir-reat kif dispost fl-Artikolu 377C (f) talli "minghajr awtorizzazzjoni hadhet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlet uzu minnhom".

Il-prevenzjoni ghall-access dejjem kien ta' interess ghal komunita' tal-kompjuters u dan sa mill-bidu taghhom kif hemm indikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa No 89(9) li jipprovdi dwar "*The prevention (or hindering) of access has grown to be a grave offence in todays information usability or intelligibility, the mere act of output is rendered illegal*".

Dan l-artikolu 337C (f) ghandu jinqara' flimkien mal-Artikolu 337C (4) li jipprovdi s-segwenti:

(4) "*Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew*

*dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha*".

Dawn iz-zewg Artikoli jipprovdu ghas-serq ta' strutturi inkorporali ta' data, software u dokumentazzjoni ta' appogg. Il-kelma 'serq' hawnhekk hija uzata b'mod literali u dan b'mod distint minn dak li komunement huwa mifhum 'bit-tehid tal-oggett' jew '*making use of both implies the tangible loss of information from the rightful owner and in the case of software often a breach of other laws (such as the Copyright Act*).'

L-artikolu 337C (4) jiffacilita id-dover tal-Prosekuzzjoni billi jipprovdi li t-tehid mhux awtorizzat ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jimplika li dik il-persuna hadhet il-pussess ta' dak l-oggett u dan l-agir jaqa' fil-parametri tas-sub inciz (f) tal-Artikolu 337C. Din il-kjarifika tipprovdi li l-persuna li ghandha l-pusess ta' tali materjal ma tistax tghid li ghandha pussess accidentali jew jekk taghmel hekk trid tipprova li ma kinitx taf b'tali pussess jew ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tali pussess. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputata kellha pusess ta' dan id-dokument u li dan kien gie fdat lilha ghall-uzu taghha minghajr riservi sabiex tuzah in konnssjoni max-xoghol taghha. Minn imkien ma jirrizulta li effettivament l-imputata uzat dan id-dokuement ghal haga ohra jew sabiex tghin xi kompetitur tas-socjeta' kwerelanti. Is-socjeta' kwerelanti tghid li skond il-kuntratt li hija ffirmat u li jinsab esebit fl-atti hija intrabtet li ma tiehu l-ebda dokumentazzjoni tas-socjeta' una volta tigi biex tispicca mill-impieg taghha salv jekk ma jkollhiex awtorizzazzjoni mid-Diretturi tas-socjeta' kwerelanti. Jinghad li hawnhekk jista' jirrizulta li l-imputata kisret il-kuntratt ta' impieg taghha pero' tali agir mhux reat izda jammonta ghal nuqqas civili u ghalhekk mhux prosegwibbli quddiem din il-Qorti.

Jinghad ghalhekk li dawn it-tlett reati ma jirrizultawx provati. Jirrizulta mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni esebita li setghu jirrizultaw reati ohra bhal falsifikazzjoni jew uzu ta' dokument falz u dan in vista tad-dokument li gie pprezentat mill-imputata fejn fuq allegat letter head tar-Rocs kien hemm xi rizultat ta' xi kors li ghamlet l-imputata ghand l-MFSA. Jirrizulta li effettivement dan id-dokument minkejja li hu fuq letter head tar-Rocs, ma harigx minghandha u ghalhekk l-Prosekuzzjoni kellha d-dover tinvestiga aktar f'dan ir-rigward. Naturalment stante li l-Prosekuzzzjoni ma akkuzatx lill-imputata b'dawn iz-zewg reati, l-Qorti mhux ser tikkummenta ulterjorment f'dan ir-rigward.

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 377C (1)(b)(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputata JEANELLE GRIMA hatja tar-reati kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberha minn kull imputazzjoni u piena.**

**Il-Qorti tirrileva illi stante li l-imputata ma nstabitx hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba taghha sabiex tikkundanna lill-imputata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**